# Tin Iswed u Tin Abjad

Veru jew Falz?

| | | |
|---|---|---|
| Il- prinċipessa ma tħobbx it-tin. | V | F |
| Is-sultan ma żammx kelmtu u lir-raġel ma tah xejn. | V | F |
| It-tin l-abjad kien it-tin il-ħażin u t-tin l-iswed kien it-tajjeb. | V | F |
| Ir-raġel ix-xiħ tad-daqna twila kien raġel twajjeb. | V | F |
| Id-denb li kiber lill-prinċipessa u lir-raġel kien denb sabiħ kulur id-deheb. | V | F |
| Ir-raġel għamel it-tin forma ta soppa biex itih lill-prinċipessa. | V | F |
| Ir-raġel mar quddiem il-palazz biex ibiegħ it-tin. | V | F |

LIVEWORKSHEETS

Ikteb in-numri biex tpoġġi dawn is-sentenzi fl-ordni li ġraw:

| | |
|---|---|
| | Is-Sultan bagħat għat-tobba u l-professuri kollha, imma ħadd ma rnexxielu jagħmel xejn. |
| | Ir-raġel sab li kien kibirlu denb twil, twil donnu serp. |
| | Huwa libes libsa pulita u telaq lejn il-palazz biex jagħmilha ta' tabib. |
| | Is-Sultan ħareġ avviż mas-saltna kollha. |
| | Il-prinċipessa obdietu bil-qalb u ma' kull mgħarfa li tieħu, id-denb kien jiqsar u jiqsar sa ma spiċċa għalkollox. |
| | Il-Prinċipessa tgħidx kemm kielet mit-tin. |
| | Aktar ma beda jiekol tin abjad, aktar id-denb beda jiqsar u jiċkien sa ma spiċċa fix-xejn. |
| | Meta sema' b'dan l-avviż, dak ir-raġel mar ġab it-tin abjad li kien qata' u għamlu ġamm. |
| | Malli l-Prinċipessa ppruvat tqum minn fuq is-siġġu, indunat li kien kibrilha denb kbir u oħxon. |
| | Jilmaħ quddiemu raġel xiħ għakka bil-leħja bajda tkaxkar mal-art u qallu biex imur jiekol mit-tin l-abjad. |
| | Is-Sultan żamm kelmtu: ta nofs is-saltna lil dak ir-raġel, żewġu lill-prinċipessa u meta s-Sultan miet, dak ir-raġel laħaq Sultan minfloku. |
| | L-għada mar quddiem il-palazz tas-Sultan biex ibiegħ it-tin l-iswed. |
| | Is-Sultan qal li min jirnexxilu jeħles lill-prinċipessa minn dak il-kruha ta' denb, huwa kien lest li jżewwiġlu lil bintu u jagħtih nofs is-saltna |
| | Għaddielu ħsieb minn rasu u ġera lejn is-siġar tat-tin u qata' salt minnhom it-tnejn. |
| | Hekk kif il-prinċipessa semgħet dak il-bejjiegħ jgħajjat bit-tin, bagħtet lil waħda mill-qaddejja tagħha biex tixtrilha t-tin. |
| | Raġel li kien miexi fil-kampanja, lemaħ siġra kbira mimlija tin iswed. |
| | Qabeż ġol-għalqa, inxteħet taħt is-siġra u beda jaqta' u jiekol. |

LIVEWORKSHEETS